



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.01.2005
KUMM(2005) 19 finali

2005/0002 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet
Uniti Regolament nru 55 dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti
ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. ĠENERALI

Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997, il-KE saret parti kontraenti tal-Ftehim Rivedut tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) ta' l-1958 fl-24 ta' Marzu 1998 u daħlet għal 78 regolament miżjuda ma' dak il-Ftehim. Dik id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.

L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni jiddikjara, b'mod partikulari, li l-Komunità tista' tiddeċiedi li timplimenta regolament li ma daħlitx għalih meta ffirmat il-Ftehim rivedut jekk il-Kunsill japprova dak ir-regolament b' maġġoranza kkwalifikata wara li jirċievi l-approvazzjoni tal-PE.

NU/ECE Regolament nru 55 dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi għandu l-għan, b'mod partikolari, li jneħħi l-ostakli tekniċi fil-kummerċ f'vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sigurtà fit-tħaddim tal-vetturi. Minkejja li dan ir-Regolament ma kienx inkluż fil-lista ta' regolamenti rikonoxxuti mill-KE mniżżla fl-Anness II tad-Deċiżjoni 97/836/KE, il-Kummissjoni tikkonsidra li, peres li t-talbiet Ewropej u dawk tan-Nazzjonijiet Uniti nbidlu minn dak iż-żmien 'l hawn, hemm ix-xewqa li issa il-KE tingħaqad magħhom.

Huwa wkoll ipprovdut li r-Regolamenti kkonċernati ser jiġu inkorporati fis-sistema ta' approvazzjoni għall-vetturi bil-mutur.

Għandu jiġi enfassizat li l-KE ser tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar l-adeżjoni għal dan ir-Regolamenti fuq il-bażi tad-dokumenti disponibbli fil-lingwi uffiċjali tal-NU/ECE (Ingliż, Franċiż u Russu). Billi l-KE saret parti mill-Ftehim ta' l-NU/ECE ta' l-1958, huwa neċessarju li jiġu osservati l-proċeduri previsti f'dak il-ftehim. Għalhekk biss il-verżjonijiet bil-Franċiż u l-Ingliż tar-Regolament Nru 55 u r-Regolament Nru 95 ġew miżjuda. Traduzzjoni ta' dan ir-Regolament ser ikunu ppublikati aktar tard.

2. KONTENUTI TAL-PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

Il-għan tal-proposta għal deċiżjoni huwa li l-Komunità titħalla tidħol fir-Regolament nru 55 tal-NU/ECE dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' l-igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti Regolament nru 55 dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi

(Test b'relevanza għall-EEA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vettruri bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitqgħiedu u/jew jintużaw fuq vettruri bir-roti u l-kundizzjonijiet għat-tagħrif reċiproku ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim ta' l-1958 Rivedut")¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(3) u t-tieni nċiż ta' l-Artikolu 4(2) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-qbil tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) It-talbiet standardizzati tar-Regolament nru 55 dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi għandhom l-għan, li jneħħu l-ostakli tekniċi fil-kummerċ f'vetturi bejn il-Partijiet Kontraenti filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sigurtà fit-tħaddim tal-vetturi.
- (2) Ir-Regolament Nru 55 ma kienx inkluż fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE għaliex ma kienx konformi mat-talbiet u speċifikazzjonijiet tekniċi Komunitarji waqt l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim Rivedut ta' 1958.
- (3) Fid-dawl ta' l-emendi li saru wara, ir-Regolament Nru 55³ għandu jkun inkorporat fis-sistema Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'mutur.

¹ ĠU L 346 tas-17.12.1997, p. 78.

² ĠU C , , p. .

³ Dokument ta' l-NU E/ECE/324, E/ECE/TRANS/505, Rev. 1/Add. 54/Rev.1, u Corrigendum nru 1

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Komunità ser tapplika ir-Regolament Nru 55 tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi
2. It-test tal-Ftehim huwa mhemuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 55 tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi għandu jkun inkorporat fis-sistema Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-muturi.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti b'din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*